MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Numru 217/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Johann Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Johann Cachia ta 22 sena mwieled 21/09/1982 Pieta bin Salvatore Cachia u Rita nee Galea u residenti f'105 Triq il-Baqqunier Mosta detentur tal-karta tal-identita numru 528682M gie akkuzat:

Talli, f'dawn il-gzejjer, nhar il-23/01/2005 fil-Mosta ghall habta ta tmienja ta filghaxija ikkaguna griehi ta natura gravi fuq il-persuna ta Jason Cachia peress li kkagunalu sfregju fill-wicc skond ma certifikah Dr I. Micallef MD tal-poliklinika tal-Mosta

U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma regulari u cioe ponn tal-hadid.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok TS 3 u li jinsab a fol. 6 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 667 Edgar Borg moghtija fis-Seduta tal-20 ta' April, 2005 fejn dan ix-xhud qal:

"Nghid illi fil-23 ta' Jannar tas-sena 2005 u dan ghal habta tat-tmienja u kwart ta' bil-lejl (8.15pm) gie l-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta certu Jason Cachia u qalli li hu kien qalgha daqqa ta' ponn minghand huh l-imputat Johann Cachia. Jien bghatt ghall-imputat Johann Cachia li qed naghrfu prezenti fl-Awla, staqsejtu x'gara u hu qalli li kien hemm argument id-dar u qalli li huh Jason kien minn dejjem imqabbad mieghu u dan zied jghidli li Jason kellu argument ma missieru. Jason semma lill-imputat Johann Cachia, dan skond x'kien qieghed jghidli Johann Cachia. L-imputat zied jghidli illi dak il-hin huh Jason kien qabad lasta ta' xkupa ghalih u kif ra hekk l-imputat xejjer daqqa ta' ponn tal-hadid lil huh Jason Cachia. Jien lil Jason Cachia hadtu l-poliklinika tal-Mosta fejn dan gie medikat minn Dr S Vella u dan it-tabib lili nfurmani li dan Jason Cachia kellu sfregju f'wiccu. Imbaghad infurmajt lill-Ispettur Therese Sciberras bil-kaz. Nixtieq hawnhekk naghmel korrezzjoni illi t-tabib li ezamina lil Jason Cachia

kien Dr I Micallef u nzid nghid illi l-imputat kellu xi gdim f’gismu u nixtieq inzid nghid illi jien bhala surgent illi dan l-incident li sehh mertu ta’ din il-kawza haga li jien kont stennejtha ghaliex kien hemm diversi episodji fejn kien hemm problemi bejn dan Jason Cachia u Johann Cachia, u naf illi dan Jason Cachia kien jipprovoka lil huh Johann Cahcia. Jiena fil-fatt wara dan il-kaz kont issuggerejt lill-imputat biex hu ma jibqax jghix fir-residenza fejn kien qieghed.

Qieghed nesebixxi l-okkorrenza li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok EBP 1. Dn l-okkorrenza dahhaltha jien u hi ffirmata minni. Nghid jien oltre li kont kellimt lill-imputat kellimt ukoll lil Jason Cachia kif ukoll lill-genituri ta’ l-imputat u dawn kienu dehru inkwetati hafna dakinhar u jien dakinhar ma stajtx insib soluzzjoni biex din il-gerha ma tibqax tikber fil-familja. Nghid illi l-ewwel darba Jason Cachia qalli li jrid jiehu passi kontra huh imma imabghad it-tieni okkazjoni qalli li ma jridx jiehu passi kontra huh u jien pero’ ghidtlu illi peress illi n-natura tal-griehi kienu ta’ natura gravi u hu kien lahaq ghamel rapport lill-pulizija liema rapport kien dahal allura l-pulizija kellha tipprocedi.” (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud PS 667 Edgar Borg fl-istess Seduta qal: “Jien lil Johann Cachia u l-Jason Cachia nafhom sew u naf illi Jason Cachia ibghati b’dipressjoni.”

Innutat li fis-Seduta tas-27 ta’ Gunju, 2005 il-parte civile Jason Cachia (Karta tal-Identita Numru 558277M) li iddikjara li jigi hu l-imputat, Rita Cachia (Karta tal-Identita Numru 487951M) li iddikjarat li tigi omm l-imputat u Salvatore Cachia (Karta tal-Identita’ Numru 750148M) li ddikjara li jigi missier l-imputat individwalment talbu li jigu ezentati milli jixhdu kontra l-imputat ghar-raguni ta’ parentela. Innutat li l-Prosekuzzjoni fid-dawl ta’ dak dikjarat minn kull wiehed mill-imsemmija tlett xhieda ma insistitx ghall-produzzjoni taghhom. Il-Qorti ezentat lill-imsemmija tlett xhieda milli jixhdu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005 il-parte civile Jason Cachia iddikjara ukoll li da parti tieghu ma jridx jiehu passi kontra huh u li ma ghandux aktar sfregju f'wiccu.

F'dan l-istadju taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Ispettur Therese Sciberras moghtija fis-Seduta tas-27 Gunju, 2005 fejn din inter alia, qalet:

"Nghid illi fit-23 ta' Jannar tas-sena 2005 u dan ghal habta ta' xid-disgah ta' filghaxija (9pm) certu Jason Cachia gie jaghmel rapport gewwa l-Ghassa l-Mosta fejn kien inqala' argument bejnu u bejn huh Johann Cachia fejn dan Jason Cachia kien sofra xi griehi. Dan Jason spjegali li hu u huh Johann joqghodu mal-genituri taghhom gewwa l-Mosta u dan Jason zied jghidli illi fit-23 ta' Jannar tas-sena 2005 filghaxija hu kien staqsa lil missieru jekk dan setax jisilfu l-karozza tieghu ghaliex il-karozza tieghu u cioe' ta' Jason ma setax juzaha. Missieru u cioe Salvatore Cachia ma riedx lil Jason juza l-karozza u allura qam argument bejn Jason u missieru Salvatore. Skond dan Jason l-argument qam ghaliex hu kien qal lil missieru illi missieru kien jippreferi lil huh Johann milli lilu. Waqt dan l-argument kien hemm prezenti ukoll omm Jason li jisimha Rita u din bdiet izzomm ma Jason. L-argument inqala' fil-kcina u waqt dan kollu Johann Cachia kien qieghed jisma' kollox minn karma ohra. Minn kamra ohra dan Johann Cachia beda jghajjat biex ma jdahhlu f'xejn. Skond Jason Cachia hu qal li sema' lil Johann jghid illi jekk idahhluh f'xi haga hu kien ser imur u joqtol lil xi wiehed minnhom. Skond Jason imbaghad Johann Cachia imbaghad telgha t-tarag, telgha fuq, u imbaghad beda l-glied verbali bejn Johann u Jason fis-sens illi Johann minn fuq u Jason kien isfel. Dan Jason zied jghidli illi waqt il-glieda hu kien qieghed fil-kcina jiehu kafe' u qal illi Johann Cachia kien rega' nizel isfel u qallu biex ma jdahhluh f'xejn.  Nixtieq inzid nghid illi dan Jason kien qalilna li kull meta missieru kien sellfu l-karozza dejjem kien irritornahielu f'kundizzjoni tajba. Jason qalilna wkoll illi imbaghad hu u huh Johann bdew jiggieldu u dahlet fin-nofs ommhom. Skond Jason ukoll dan qal illi hu kien qabad lasta ta' xkupa sabiex jiddefendi ruhu pero' qal li ntervjentiet ommu. Dan Jason imbaghad zied jghid illi

imbaghad hu mar joqghod bil-qeghda u ra illi Johann kien hareg xi haga minn gol-but tal-qalziet u imbaghad Jason zied jghid illi imbaghad bdew jaghtu bl-idejn u imbaghad skond Jason hu ra lil Johann johrog ponn tal-hadid u dak il-hin Jason hasbu li kien arlogg. Fuq domanda li kont ghamilt jien lil Jason jekk hu kienx gidem sider Johann huwa qal li ma kienx gidmu. Nixtieq nghid illi Jason li qalli kien illi hu u Johann kienu ggieldu pero’ ma kienx qalli illi huwa kien qala’ xi daqqa specifika. Li zied jghidli Jason kien illi hu hin minnhom miss mohhu u sab li idejh spiccat imcappsa bid-demm. Fl-ewwel okkazjoni dan Jason kien qalli illi hu ma riedx jiehu passi kontra Johann li jigi huh u skond dan Jason hu kien qieghed jiehu xi anti depressants ghaliex hu qal illi l-familja tieghu ma kenitx grata lejh u qal illi hu jiehu xi tnax-il pillola kuljum u ilu jehodhom minn Novembru tas-sena 2004. Qalli wkoll li hu qieghed taht kura tal-Professur Mifsud Psikjatra u li dan ikun St Mark’s Clinic Msida. Meta jien imbaghad kellimt lil Johann Cachia dan il-verzjoni li tani kienet kwazi l-istess. Nghid illi dan Johann lili qalli li f’diversi drabi Jason kien sawwat kemm lilu u kemm lil membri ohra tal-familja. Huwa stqarr meta kien beda l-argument rigwardanti dan il-kaz hu fil-bidu kien fil-kamra tieghu u semgha lill-ommu, lill-missieru u lil huh Jason jiggieldu u sema’ ismu u qalilhom biex ma jdahhluhx f’dawn l-affarijiet. Dan zied jghid illi wara ftit kien jaf li missieru telaq, hu nizel isfel biex juza l-kamra tal-banju li qeghda biswit il-kcina u hu qal lill-ommu biex tieqaf u ma tkomplix tghid fuqu u zied jghid Johann illi f’dak il-punt ra lil Jason jaqbad lasta ta’ xkupa u gie biex jattakkah. Johann zied jghid illi hu beza minn Jason ghaliex dan kemm il-darba kien sawwtu u skond l-istess Johann hu imbaghad ta daqqa lil Jason u dak il-hin Jason gidmu go sidru. Johann imbaghad zied jghid illi imbotta lil Jason u li dan rega’ attakkah mill-gdid. Johann zied jghid illi hu ra lil Jason jahbat rasu ma xi haga u li meta Johann ra d-demm ma wicc Jason hu beza’ u telaq jigri. Mistoqsi hekk hu kienx uza l-ponn tal-hadid Johann ammetta li kien uza l-ponn tal-hadid u jghid illi din il-ponn tal-hadid kienet ghandu pero’ qabel hu qatt ma kien uzaha u hu kien imbezza’ minn huh Jason ghax huh Jaon huwa persuna vjolenti. Meta kellimtu lil dan Johann lili qalli illi hu stqarr mieghi illi hu ma kienx ghadu joqghod

mal-familja ghal fini biex ikun hem mil-paci fil-familja. Dan Johann Cachia qeghda naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla."

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Dr Ivan Micallef MD. li fis-Seduta tal-20 ta' Settembru, 2005 dan ix-xhud qal:

"Jien kont it-tabib li kont invistajt lil Jason Cachia fil-Mosta Health Centre fit-23 ta' Jannar tas-sena kurrenti, 2005. Dkond dan il-pazjent dan kien allega li hu kien qala' xi daqqiet ta' ponn u dan bi stud tal-hadid jew stainless steel u hu kien qalli li hu ma kienx intilef minn sensih. Huwa qalli wkoll li hu ma kienx sturdut u lanqas imdardar. Nghid illi jien meta rajtu kellu zewg feriti, wahda fuq mohhu u l-ohra fuq rasu u l-forma tal-feriti kienu forma tawwalin u fil-fatt pingejthom fuq ic-certifikat mediku li qieghed nesebixxi bhala Dok IMD 1. Wahda mill-feriti kellha bzonn erba' (4) punti u l-ohra kellha bzonn punt (1). Jien imbaghad bghattu l-isptar ghal iktar investirgazzjonijiet inkluzi X Ray u testijiet. Nghid illi jien ikkwalifikajt dawn il-feriti bhala gravi stante illi peress illi kien hemm ferita fil-wicc jien dan ikkunsidrajtha bhala sfregju issa imbaghad jekk il-ferita wara ma kenitx tidher ma jkunx hemm l-isfregju. Jien lil pazjent m'ergajtx rajtu minn dak iz-zmien 'l hawn. Nghid illi dawk il-feriti illi kellu l-pazjent kienu kompatibbli ma dak li allega hu u cioe' daqqiet bi studs."

In kontro ezami l-istess xhud Dr. Ivan Micallef MD fl-istess Seduta qal:

"Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk kienux dawn il-feriti kompatibbli ma xi habta x'imkien. Nghid illi dan ma nikkunsidrahx ghaliex dawn iz-zewg feriti illi kien hemm kienu it-tnejn b'marki l-istess. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk f'kaz allura illi l-isfregju ma baqax hemmhekk allura il-feriti wiehed ghandux jikkonsidrahom bhala gravi nghid illi f'dan il-kaz allura ma jkunux gravi. In kwantu ghan-natura tal-griehi sofferti jien feriti fil-wicc u fir-ras ma nikkonsidrahomx hfief u ta' importanza zghira." (Sottolinjar tal-Qorti).

In Ri ezami l-istess xhud Dr. Ivan Micallef MD fl-istess Seduta qal:

“Nghid illi jien dak li kkonstatajt kienu l-feriti li semmejt u jien biex wiehed jara jekk kienx hemm xi hsarat interna bghattu ghal iktar testijiet u anke ghal X Ray l-isptar. Nghid illi in kwantu ghan-natura tal-griehi kien hemm possibilita’ illi kien hemm hsara fl-intern tar-ras u ghalhekk jien bghattu ghat-testjiet u ghall-X Rays.”

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni li taha Dr Ivan Micallef MD. fis-Seduta tat-12 ta’ Dicembru, 2005 fejn riprodott qal:

“Nghid illi l-feriti li garrab il-parte civile Jason Cachia fuq mohhu nghid illi dawn il-feriti biex wiehed ikun jista’ jarahom u prezentement qieghed nezamina wicc l-imputat biex inkun nista’ narah, nghid illi dan wiehed irid jersaq veru veru fil-vicin biex wiehed ikun jista’ jarahom u konsegwentement nghid illi dawn il-feriti llum f’posizzjoni niddikjara li ma jikkostitwux fi sfregju. Nghid illi dan Jason Cachia li qieghed prezentement nezaminalu wiccu ghandu l-karta ta’ l-identita’ numru 558277M.”

In kontro ezami l-ezami l-istess xhud Dr. Ivan Micallef MD., fl-istess Seduta, qal:

<u>“Fuq domanda ta’ l-Avukat Difensur jekk in kwantu ghal ferita tal-gilda fuq mohh il-parte civile li ghadni kif ezaminajt hix ferita hafifa jew ta’ importanza zghira nghid illi iva.”</u> (Sottolinjar tal-Qorti).

In Ri ezami l-istess xhud Dr. Ivan Micallef MD., fl-istess Seduta, qal:

<u>“Nixtieq nghid fuq domanda li qed taghmilli l-Prosekuzzjoni li l-feriti biex ifiequ mhux kollha jdumu l-istess, nghid illi ferita li tkun tehtieg xi kura normalment iddum bejn tnax sa erbatax-il gurnata (12-14). Nghid illi ferita tista’ tinfetta w allura tikkrea marka u tibqa’ tidher. F’dan il-kaz partikolari m’hemmx din il-haga.”</u> (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghall-Istqarrija tal-imputat li hi esebita bhala Dok TS 4 u li tinsab minn fol. 17 sa fol. 18 tal-Process u ticcita is-segwenti minn din l-Istqarrija:

“M. Inti tahdem?
T. Iva jiena suldat ma l’AFM u nahdem bhala gunner. Ilhi hekk dawn l-ahhar sentejn.

M. Tista tghejdli x’inqala nhar il-23/01/2005 bejnek u bejn huk Jason meta kontu d-dar tal-genituri taghkom li tinsab fi 105 Maison D’Amour Triq il-Baqqunier Mosta?
T. Hija Jason talab il-karozza lil missieri. Dan qallu le u Jason beda jjghajjat ma missieri u jghedjlu li jipprereini. Ommi bdeit tabbel mieghu. Dan kien qed jigri fil- ghaxija ghal xi 9.30 pm fl’intrata tad-dar li tinsab isfel. Jien kont fis- sular ta fu u meta smajt l’ghajjat u li ismi kien qed jissemma ittawwalt mit-tarag u ghedilthom biex ma jsemmuniex. Hija u ommi bdew jghajjtu u hija beda jghejdli biex ninzel. Hu beda jisfidani. Jien ma tghajtx kasu u bqjt fil- kamra tieghi. Missieri baqa jillatika maghhom u wara u telqa il-barra. Ommi u hija bqaqw jitkellmu fuqi u bdew jghejdu li missieri jippreferini. Jien inzilt isfel biex immur it- toilet u naghmel xaghri ghax kont hiereg. Dhalt fil-kcina u l’ommi ghedtilha biex tieqaf mill- kliem li kienet qed tghejd fuqi. Din bdiet tghejd li kissirt il-karozza ta missieri u jien ghedilth li mhux veru. Malli ghedt hekk hija qabad xkupa u hebb ghalija. Jien qlajt daqqa bl’ixkupa. Jien harbitli idejja u tghajt daqqa lil hija. Hu gidimni f’sidri. Jien imbuttajtu u hu rea gie lejja. Naf li habat rau ma xi haga imma ma nafx ma xiex. Wara jiena tlaqt l’hemm.

M. Meta tghajt daqqa bil-ponn tal- hadid lil huk?
T. Jien ghamilt dan meta harbitli idi. Dan kien fuqi ghax hu beda jgheddidni meta kont fuq u jien bdejt nibza minnu. Hu gieli refa jdejh fuqi u fuq il- kumplament tal- familja. Hu aktar b’sahhtu minni u jien ma niflahx ghalih. Il- ponn tal-hadid is- soltu jkun jifri go kaxxa fil- kamra tieghi. Jien qatt ma uzajtu u xtrajtu biex nghejd li ghandi ponn. Jien uzajtu biex nideffendi lili innifsi u jiddispjacini ta li ghamilt lil hija.

M. Inti gieli erfajt idejk fuq huk?
T. Le, apparti din id-darba qatt.

M. Tried tihu passi kontrih ghal griehi li sofrejt?
T. Le.

M. Inti bhalissa tkellem lil huk?
T. Le. Jien miniex noqod id- dar u qed noqghod ghand iz- zija. Dan qed naghmel hekk ghax is- surgent li kien fl'ghassa dak in-nhar tal- incident qalli biex naghmel hekk biex inzommu l'kwiet. Hija bhalissa ma tantx huwa f'siktu u jitlalu mill- ewwel. Hu qieghed that kura ta tabib u ta psikjatra u qed jihu xi pinnoli.

M. Tixtieq izzied xi haga ohra?
T. Jien jiddispjacini ta li ghamilt. Dan ma ghamiltux b'xi intenzjjoni hazina imma ghax kont imbezza minn hija. Jien hfirtlu ta li ghamilli. Din kienet sahhna ta dak il-hin u ma kienitx xi haga mahsuba."

Rigward l-ewwel akkuza migjuba konta l-imputat il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza kif dedotta ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

F'dan ir-rigward fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li f'kazijiet simili kien ikun ferm opportun li talinqas il-Prosekuzzjoni tipproduci ritratti li a tempo vergine juru l-feriti sofferti mill-vittma. Dan biex jghin lill-Qorti tistabilixxi n-natura ta' tali feriti. Haga li f'dan il-kaz ma saritx.

Tirrileva ukoll li fis-Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005 il-parte civile Jason Cachia, inter alia, iddikjara li ma ghandux aktar sfregju f'wiccu.

Inoltre tirrileva li x-xhud Dr. Ivan Micallef MD. fis-Seduta tal-20 ta' Settembru, 2005 in kontro-ezami, inter alia, qal:

"……………." "Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk f'kaz allura illi l-isfregju ma baqax hemmhekk allura il-feriti wiehed ghandux jikkonsidrahom bhala gravi nghid illi f'dan il-kaz allura ma jkunux gravi. In kwantu ghan-natura

tal-griehi sofferti jien feriti fil-wicc u fir-ras ma nikkonsidrahomx hfief u ta’ importanza zghira.”

Hawn il-Qorti tirrileva pero’ illi l-istess Dr. Ivan Micallef MD. in kontro-ezami fis-Seduta tat-12 ta’ Dicembru, 2005 qal:

“Fuq domanda ta’ l-Avukat difensur jekk in kwantu ghal ferita tal-gilda fuq mohh il-parte civile li ghadni kif ezaminajt hix ferita hafifa jew ta’ importanza zghira nghid illi iva.”

Hawn il-Qorti tosserva li in-Ri ezami ta’ l-istess Dr. Ivan Micallef MD. (Seduta tat-12 ta’ Dicembru, 2005) l-imsemmi xhud qal:

“Nixtieq nghid fuq domanda li qed taghmilli l-Prosekuzzjoni li l-feriti biex ifiequ mhux kollha jdumu l-istess, nghid illi ferita li tkun tehtieg xi kura normalment iddum bejn tnax sa erbatax-il gurnata (12-14). Nghid illi ferita tista’ tinfetta w allura tikkrea marka u tibqa’ tidher. F’dan il-kaz partikolari m’hemmx din il-haga.”

Illi rigward l-ewwel akkuza, il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti jirrizulta ir-reat li hu kontemplat fl-artikolu 221(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li hu reat kompriz u nvolut fir-reat aktar gravi addebitat lill-imputat.

Jemergi b’mod car li l-feriti li saru fuq il-vittma gew kagunati bl-agir tal-imputat u li l-imputat uza ponn tal-hadid fil-kommissjoni ta’ tali reat. (Ara Stqarrija tal-imputat esebita bhala Dok. TS 4).

Hawn il-Qorti tosserva li fil-Verbal tas-Seduta tas-27 ta’ Gunju, 2005 il-parte civile Jason Cachia, inter alia, iddikjara li da parti tieghu ma jridx jiehu passi kontra huh.

Pero’ hawn il-Qorti tirrileva li r-reat li fil-fehma jirrizulta li gie kommess mill-imputat hu prosekwibbli ex officio.

Difatti l-artikolu 221(2) jghid “Meta l-offiza ssir b’wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, …………….”

Illi fl-artikolu 217 fost il-mezzi li jsemmi hi arma regulari.

Is-Sub artikolu 221(4) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

"Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittiehed ebda procediment hlief bil-kwerela tal-parti offiza, minn barra minn meta l-offiza ssir fuq wahda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b)."

Ghaldaqstant mis-suespost jemergi li r-reat kontemplat fis-sub-artikolu 221(2) hu wiehed prosegwibbli ex officio.

Jigi rilevat li l-imsemmi reat sehh fit-23 ta' Jannar, 2005 ghaldaqstant f'dan il-kaz japplika l-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux il-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-artikolu 2 tal-Kap 66 jemergi li d-definizzjoni ta' armi regolari f'dik l-Ordinanza ghandha l-istess tifsira ghal dik attribwita fil-Kodici Kriminali.

Illi minn ezami tas-sub-artikolu 64(1) tal-Kodici Kriminali jirrizulta li ponn tal-hadid hu meqjus bhala arma regulari.

Difatti tali sub-artikolu 64(1) jghid "64.(1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor."

Rigward it-tieni akkuza li tinkwadra ruhha fis-sub-artikolu 25(1)(c) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta migjuba kontra l-imputat il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sufficjentement ippruvata. (Ara Stqarrija tal-imputat esebita bhala Dok TS 4).

Rat is-sub-artikolu 221(2) tal-Kap 9 u s-sub-artikolu 25(1)(c) tal-Kap 66 (illum Kap 480) tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost rigward l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Johann Cachia ma ssibx lill-imsemmi mputat hati ta' din l-akkuza kif dedotta stante li ma gietx sufficjentement ippruvata u minnha

tilliberah, issib pero' l-imsemmi mputat hati tar-reat li jinkwadra ruhu fis-sub-artikolu 221(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li hu kompriz u nvolut ghar-reat aktar gravi addebitat lill-imsemmi mputat u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, u l-fatt li l-parte civile Jason Cachia fil-Verbal tas-Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005, inter alia, iddikjara li da parti tieghu ma jridx jiehu passi kontra huh, tillibera lill-imputat Johann Cachia taht il-provvediment tal-arikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi mputat tiddikjara li fid-dawl ta' dak dikjarat aktar qabel f'din is-Sentenza rigward din l-akkuza tali akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata u ghaldaqstant issib lill-imputat Johann Cachia hati ta' din it-tieni akkuza u fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dawk riferiti aktar qabel f'din is-Sentenza tikkundanna lill-imsemmi mputat Johann Cachia ghall-piena ta' mija u sitta u tmenin Euro u hamsa u tletin centezmi ta' Euro (€186.35) multa ekwivalenti ghal tmenin Liri Maltin (Lm80).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Johann Cachia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------